

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Najvysshí súd Slovenskej republiky – is-Slovakkja) – Radosław Szoja vs Sociálna poistovnha

(Kawża C-89/16)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Applikazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali — Ħaddiema migranti — Persuna li teżerċita attivitā bil-paga u attivitā bħala persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri differenti — Determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli — Regolament (KE) Nru 883/2004 — Artikolu 13(3) — Regolament (KE) Nru 987/2009 — Artikolu 14(5b) — Artikolu 16 — Effetti tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali — Inammissibbiltà)

(2017/C 293/07)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Najvysshí súd Slovenskej republiky

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Radosław Szoja

Konvenut: Sociálna poistovnha

fil-preżenza ta': WEBUNG, s.r.o.

Dispożittiv

L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fis-sens ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward ta' persuna, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, li teżerċita normalment attivitā bil-paga u attivitā bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti stabiliti fl-Artikolu 14 (5b) u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012.

⁽¹⁾ ĠU C 175, 17.5.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Szolnoki Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungernja) – Tárkevei Tejtermelő Kft. vs Országos Környezetvédelmi és Természetvédelmi Főfelügyelőség

(Kawża C-129/16)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Artikoli 19 u 193 TFUE — Direttiva 2004/35/KE — Applikabbiltà ratione materiae — Tniġġis tal-arja minħabba inċinerazzjoni illegali ta' skart — Prinċipju ta' min iniġġes iħallas — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi responsabbiltà in solidum tal-proprjetarju tal-art li fuqha sejjh it-tniġġis u ta' min iniġġes)

(2017/C 293/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ungernja

Qorti tar-rinviju

Szolnoki Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság